**Int misteru**

X'naqbad ngħidlek għażiża oħti
Hekk maħfun mill-kant Gregorjan,
Ta' dil-Kappella hekk devota
Li kull pazjent iżurha tant għatxan.

Għax fil-ħajja w fl-eħrex tbatija
Għand min tridna immorru oħti?
Meta morna għand infittxu lill-bnedmin
Spiċċajna imkissra u xotti.

Fis-skiet tiegħek imqaddes nara
Il-fedeltà tal-imħabba,
F'għajnejk imdawla b'ħafna ħrara
Nara l-grazzja l'fik titrabba.

Issokta miexja hekk ferħana
Mingħajr qatt ma tħares lura,
Ibqa' miexja mara qaddisa
Għalkemm għajjiena w magħdura.

It-talb ħlejju taż-żewġ uliedek
O kemm lilek jakkumpanjak,
Għax int taf tħobb mill-qiegħ ta' qalb
Lil min għoġbu jikkalpestak.

Ibqa' miexja ja Veronika
Hekk mimlija b'għozza kbira,
Jistrieħ fuqek dawl Kristu tiegħek
Li fdiek, ma jridekx ilsiera.

Terraq, terraq, lejn Ġerusalemm
Tas-Sema, lejn dak l-Imperu,
Li tiegħu int xhieda hekk ħajja
Kbira mara, int misteru.

Patri Mario Attard OFM Cap
23 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.